**Dikjarazzjoni Jason Azzopardi (PAC, 23.01.2019)**

Sur President u On Membri,

B'wicci minn quddiem illum nixhed bil-gurament l-fatti kif nafhom jien u x'inhi l-verita dwar l-esproprju fix-Xemxija li gie konkluz mill-impjegati tas-Servizz Pubbliku u approvat minni f'Dicembru 2012 **wara iktar minn tliet snin negozjati bejnhom u s-sid tal-kumpanija proprjetarja ta' l-art fix-Xemxija, u wara iktar minn 5 snin minn meta beda l-process**, biex ikun zgurat il-harsien tal-gid komuni.

Kburi bil-ghan u bir-rizultat ahhari f'dan il-kaz. M'ghandi xejn minn x'hiex nisthi. Ghandi dispjacir wiehed biss u nghidu lejn l-ahhar.

Huwa b'sens ta' stmerrija u disgust li nara kif sezzjoni partikolari tal-media, ikkontrollata jew imsiehba mal- u mill-Partit Laburista, ilha mill-2013 tigdeb fuqi minn zniedha, tivvinta l-gideb, tghawweg il-fatti, titfa' t-tajn lejja bil-ghan li jigu mizrugha d-dubbji fejn ghal darba, darbtejn gie ccertifikat li f'dan il-kaz ta' esproprju ma kien hemm xejn illegali, xejn abbusiv, u gie kkonfermat l-iskop pubbliku car wara l-esproprju li sar fix-Xemxija, u fuq kollox kkonfermat u stabbilit ebda indhil politiku. Anzi f'investigazzjoni minnhom li saret minn Dipartiment li jwiegeb lil Ufficju tal-Prim Ministru prezenti (IAID), kien ikkonfermat fl-2015, wara talba tal-Ufficju tal-Prim Ministru prezenti, li in-nuqqas misjub kien kaz ta' **"*administrative shortcoming*" biss**. Biss.

Pero ha nibda elenku qasir tal-fatti li huma oggettivi, veri u kkonfermati, u li hadd ma jista' jmeri:

1. L-istorja fil-qosor turi li Gvernijiet Nazzjonalisti successivi sal-2013 kienu indirizzaw din l-art fix-Xemxija billi:

    a. Zguraw li jkun hemm access liberu ghal foreshore;

b. giet esproprjata l-art kollha f'zona ambjentalment unika sabiex ikun zgurat li ebda zvilupp ma jkun jista' jsir fil-futur u biex b'hekk titgawda minn kulhadd;

2. L-istorja bdiet fl-1995. F'Novembru 1995 diversi residenti kienu talbu lil Ombudman Joe Sammut jinvestiga nuqqas ta' access lill-pubbliku ghall-ponta tal-Fekruna, u b'mod partikolari intalab jinvestiga l-agir tal-Mepa peress li decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Mepa ma kienetx qed tigi osservata;

3. F'decizjoni tas-27 ta' Mejju 1996, l-Ombudsman Joe Sammut talab li sija l-Lands Dept u sija l-Mepa jiehdu passi u jizguraw li jigi liberat l-access ghal-foreshore;

4. Fost ohrajn, wiehed mill-konsegwenzi kien il-bzonn li jkun esproprjat l-art ta' Fekruna Ltd biex l-access ghal foreshore ikun imhares ghal dejjem;

5. L-ewwel esproprju sar permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President tal-4 ta' Lulju 1996, fejn il-Gvern akkwista l-foreshore kollu tal-Ponta tal-Fekruna, u li allura kien jinkludi parti mill-art proprjeta privata ta' Fekruna Ltd. Gie esproprjat 1,347 metru kwadrat.

6. Tali akkwist sar b'xiri assolut (u l-hlas kien sar fl-2007: Lm375,390 + Lm128,709 interessi mill-1996)

7. Fit-8 ta' Lulju 1996, l-On. George Vella ghan-nom tal-Oppozizzjoni ipprezenta mozzjoni fil-Parlament biex il-Kamra tiehu nota tar-rapport tal-Ombudsman Joe Sammut (li kien tqieghed fuq il-Mejda fl-1 ta' Lulju 1996) u biex tikkundanna kull nuqqas tal-awtoritaritajiet pubblici li jesegwixxu decizjonijiet li jkunu hadu u tikkundanna kull kaz fejn l-awtoritajiet kaxkru saqajhom biex jinfurzaw id-decizjoni;

8. Ftit wara (24.07.1996), Fekruna Ltd fethet kawza kostituzzjonali kontra l-Kummissarrju tal-Artijiet u allegat li dan l-esproprju kien jikser id-drittijiet fondamentali ghax ma kienx hemm "interess pubbliku" jew "skop pubbliku" u ma kienx hemm proporzjonalita indispensabbli bejn ir-restrizzjoni tad-dritt fondamentali u l-iskop li kellu jkun milhuq, u ghax kien diskriminatorju kontriha (peress li hemm diversi postijiet f'Malta fejn il-foreshore ma kienx accessibbli)

9. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) iddecidiet favur Fekruna Ltd f'Gunju 1997 ghax qalet li ma kienx hemm skop jew interess pubbliku u ghaliex kien hemm diskriminazzjoni;

10. Il-Gvern appella u permezz ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-24 ta' Mejju 2004, il-Qorti sabet FAVUR il-Kummissarju tal-Artijiet, iddikjarat li ma kien hemm EBDA ksur ta' xi dritt fondamentali, ikkonfermat id-dikjarazzjoni tal-President ghall-esproprju tal-1996;

**11.** Il-kuntratt ta' trasferiment lill-Gvern sar fit-30 ta' Mejju 2007 u permezz tieghu Fekruna Ltd thalset is-somma ta' **Lm375,390 ghall-art tal-kejl ta' 1,347 sq.mt, apparti LM128,709 interessi mill-1996.** Din l-art giet stmata minghajr EBDA bini fuqha, mhux bhalma sar fil-valutazzjoni tal-esproprju tal-2013. Irid jinghad li fl-1996 ma setax isir l-izvilupp li seta' wiehed japplika ghalih bil-Local Plan tal-Mepa tal-2006.

**12.** Kif jghid ukoll ir-rapport tal-NAO quddiem dan il-Kumitat, (u kif xehed l-ex DG quddiemkom gimgha ilu), sija f'para. 2.3.19 u para. 3.2.5, kienet il-MEPA li fl-2007 (u allura qabel l-elezzjoni 2008) identifikat din l-art fix-Xemxija (u ohrajn) bhala art idonea

biex tibda titwettaq politika fejn art ta' certu valur ambjentali tigi esproprjata ghat-tgawdija tal-pubbliku kollu.

**13.** Fl-elezzjoni generali 2008, il-PN ikkristallizza din il-politika u kellu bhala weghda fil-Programm Elettorali tieghu li tigi akkwistata art minghand il-privat ta' valur ambjentali kbir u ritornata ghall-istat naturali taghha, biex jigi zgurat access akbar ghall-kampanja u biex tithalla ghat-tgawdija tal-pubbliku u tal-generazzjonijiet futuri.

**14.** Ghalhekk:

a. Fit-8 ta' Awwissu 2010 il-Ministru tal-Finanzi (Tonio Fenech) u s-Seg Parl responsabbli mill-Lands (jien) approvajna li l-Property Evaluation Committee tal-Government Property Division (GPD) tibda proceduri biex tigi identifikata art biex tinghata b'permuta ghall-art tal-Fekruna b'valur ta' €5 miljun, stante li **3 periti differenti mitluba mill-GPD biex jaghtu valur lill-art tal-Fekruna fil-fatt kollha kemm huma kienu stmawha €5 miljun.**

b. Dan il-kumitat, imwaqqaf ghall-ewwel darba kellu fuqu rapprezentant tal-GPD u tal-Ministeru tal-Finanzi. Ninnota li f'pagna 7 (para.7) tar-Rapport tieghu l-NAO qal hekk : "*The NAO considers the setting up of the PEC…as a positive development, shifting negotations with owners of properties to be acquired from individual officials at the GPD to a committtee. This ensured greater transparency and provided additional safeguards to the integrity of the negotiating process. The PEC retained adequate records of its meetings allowing the NAO to verify key developments, thereby*

*ensuring greater accountability*". Tinnutaw li m'ghamilniex bhalma ghamel l-On Joseph Muscat, bhala Ministru ghall-Lands, fl-2013, meta WAHDU innegozja l-akkwist lura tal-Cafe Premier (proprjeta tal-Gvern stess) ghal €4.2 miljuni u halsilhom id-djun pendenti bil-kontijiet tad-dawl u ilma u bolla, minghajr ebda involviment tac-Civil. Ahna flok ikkoncentrajna d-*decision making process,* frixnih u wessanjnih.

c. Importanti naraw li r-Rapport tal-NAO f'para. 2.3.3 jghid li l-Gvern kien ha d-decizjoni li f'dawn il-kazijiet il-hlas isir b'permuta, mhux fi flus, biex ma jkunx hemm impatt fuq id-deficit nazzjonali. Ma ninsewx li 2008-2011 kien il-perjodu fejn madwarna kien hawn l-eqqel krizi finanzjarja u l-oghla prezzijiet taz-zejt u l-Gvern kien attent hafna biex ma jaqbizx it-thresholds imposti mill-UE.

15. **Il-periti ta' Fekruna Ltd kienu stmaw l-art u l-kumpless minn €6.75 miljun sa €7.5 miljun. F'rapport tal-Perit ta' Fekruna Ltd, datat 29.01.2010, kien wasal ghal konkluzjoni li l-kumpless tal-Fekruna u l-art tieghu kellhom valur ta' €6.75 miljun.** Ha bhala kriterju essenzjali l-hlas li kien sar fl-2006 ghall-esproprju tal-1996 u cjoe meta €931.749.35 (Lm400,000) kienu thalsu ghal 1,500 sq.mt. liema 1,500 sq.mt "was not developable".

16. Minghajr ma nidhol fil-qasam tal-periti u l-istimi taghhom, haga li qatt ma ghamilt, jistax jigi permess lili paragun ftit semplici izda li ghandu jghin lil min irid ihares lejn dan il-kaz b'mod oggettiv.

17. **J<u>ekk 1,500 sq.mt fil-bajja tax-Xemxija mhux zviluppabbli, u li fl-1996 (hlas sar 2006) ma kienux fil-Local Plan ta' zvilupp, gew stmati u thalsu mill-Gvern €931.749.35, hu ferm ragjonevoli u realistiku meta fl-2013 l-art fil bajja tax-Xemxija ta' kejl ta' 1,431 sq.mt. u li kellha potenzjal ta' zvilupp u li fuqha kien hemm bini kummercjali giet stmata €5 miljun (u stmata tant minn 3 periti differenti imqabbdin mill-Lands).</u>**

18. Ghal kull bon fini nghid li wiehed mill-Periti imqabbdin mill-Gvern fl-2010 biex jistmaw l-art tal-Fekruna kien il-Perit (m'hemmx htiega insemmi ismu pero nista' nghid min, jekk mitlub) tal-Lands li kien kandidat tal-PartLaburista ghall-elezzjoni generali tal-2008 fuq it-2 distrett. Zgur ma kienx *blue eyed boy*.

19. Hu x'inhu, f'dan il-process ta' stimi ma kien hemm ebda indhil politiku, kif jghid anke l-Awditur fir-Rapport tieghu.

20. Ghidt li l-Gvern li tieghu kont naghmel parti kellu l-ghan li numru ta' siti privati li kienu f'zoni ta' sensittivita ambjentali, jkunu esproprjati sabiex ma jkunx jista' jista' jsir zvilupp fuqhom u sabiex b'hekk ikunu jistghu jitgawdew mill-poplu b'mod trankwill u hieles. Dawn kienu gew identifikati mill-MEPA fl-2007/2008 (mhux mill-Lands) u kienu:

   a. Riviera Martinique (Ghajn Tuffieha). Valur mill-GPD: €2.23 miljun

   b. Ulysses Lodge (Ramla Bay). Valur mill-GPD: €3.6-€12.9 miljun

c. Ex-Festival Site, Mellieha. Valur mill-GPD: €4-€8 miljun.

d. Tiguglio, San Giljan. Valur mill-GPD: €4.1-€4.9 miljun

e. Fekruna Point, Xemxija. Valur mill-GPD: €5 miljun

21. Fil-kaz tal-art fix-Xemxija, il-hlas sar, kif inhu maghruf, b'permuta ta' art tal-Gvern limiti ta' San Gwann u Swieqi. Dawn l-artijiet ma ghazilhomx il-privat kif gara fil-kaz ta' Gaffarena u Strada Zekka, imma mill-Lands Dept. Il-valur ta' dawn l-artijiet waslu ghalih 3 persuni imqabbdin bi qbil bejn Fekruna Ltd u l-Lands Dept, bit-3 wiehed ikun bhal arbitru indipendenti. Dawn kienu: il-Perit Joe Spiteri (lecturer l-Universita, u perit rispettat minn kulhadd, il-Perit tal-KNPD u wiehed mill-Periti li l-GPD kien jinnomina), il-Perit Edgar Caruana (imqabbad minn Fekruna Ltd) u l-arbitru kien is-Sur James Calleja. Ir-rapport taghhom hu datata Novembru 2012 u fih huma stmaw iz-zewg siti offruti mill-Gvern bhala kumpens fis-somma ta' €4.271 miljun.

22. Nota zghira imma importanti: il-Lands ilu sa mit-twaqqif tieghu fl-1964 jeffetwa hlas ghal art esproprjata sija bi flus u sija b'permuta ta' art. Dan ghax il-Ligi kienet u ghadha tippermettih.

23. Tajjeb nghid li s-Sur Calleja, li kien ir-referee indipendenti, hu iben ex Deputat Laburista, biex zgur hadd ma jghid li c-Chairman kien xi *blue eyed boy*, u hu kien persuna tal-fiducja tad-DG tal-GPD li kien qed imexxi dan il-process fil-mument li l-process kien wasal f'dak l-istadju. Jien la qatt kellimtu u qatt ma

kellimni. Innominah id-DG tal-GPD u jien u l-Ministru Fenech approvajnih. Sal-llum jien qatt ma ltqajt jew ikkomunikajt mieghu u lanqas kelli ghalfejn.

24. Tajjeb li nifhmu li la l-Gvern prezenti u lanqas il-media tal-PL ma lissnu kelma wahda li hi wahda li juru x'sar abbusiv jew illegali f'dal-kaz. Irrid insaqsi: x'inhu ezatt li qed jilmentaw dwaru?

25. Jekk l-uniku kritika hija ghax l-esproprju sar ftit jiem qabel l-elezzjoni, r-risposta hi cara: **wara iktar minn 3 snin u nofs** negozjati (mhux 3 gimghat jew 3 xhur) li intemmu lejn tmiem l-2012, kien sew jew gust li ma jkunx hemm l-esproprju semplicement ghax kien hemm elezzjoni wara l-bieb? Filkaz, skond il-PL, jghiduli **sa meta**, qabel ma tkun gejja elezzjoni, ghandhom jieqfu l-esproprji? **Sa meta ha jintrabtu li jwaqqfu l-esproprji qabel l-elezzjoni generali li gejja**? Ser inwaqqfu kull tender, kull permess, kull licenzja, kull sejha, minn kull Dipartiment jew Agenzija jew Awtorita wara x-xoljiment tal-Parlament? Jekk ha naqblu fuq hekk, ejja nemendaw issa il-Kostituzzjoni biex dan ikun car kristallin.

26. Jekk il-kritika hi ghax il-valur tal-art tal-Fekruna hu ta' €5 miljuni: hawn fuq jidher car li hu valur realistiku ibbazat fuq valur li inghata fl-1996 u mhallas fl-2006, apparti li hu valur li waslu ghalih mhux il-politici (u ebda politiku qatt ma indahal u dan ikkonfermah sija l-NAO u sija l-IAID) izda diversi periti u min

jifhem fis-suggett, u li uhud minnhom zgur hadd ma jista' jghid li huma midhla tal-PN. Fi kwalunkwe kaz, la jien u lanqas il-Ministru Tonio Fenech qatt ma indhalna fi stimi.

27. Semmejt l-IAID. Irrid insemmi hawnhekk fatt importanti li turi d-dizonesta tal-Prim Ministru prezenti meta wara l-2013 beda jattakkani bil-gideb fuq dan il-kaz. Kien habbar li appena titlesta l-investigazzjoni mill-IAID (Internal Audit Investigations Dept), li jwiegeb direttament lil PPS Mario Cutajar, kien ser jippublikaha. **Dan m'ghamlux** u minkejja li r-rapport tlesta fl-1 t'Ottubru 2015 mill-IAID u mghoddi lil Kastilja, dan baqa' mistur (sakemm l-NAO ghamel referenza ghalih). U kellha tkun l-**Independent on Sunday** li fl-**24.1.2016** (jigifieri **sena qabel** ir-rapport tal-NAO u 3 xhur wara li l-IAID lesta xogholu) zvelat li "***The IAID report clearly labels the case an "administrative shortcoming", as opposed to the more recent Old Mint Street expropriation case***."

28. **Jigifieri d-Dipartiment inkarigat minn Kastilja mill-investigazzjoni interna fuq dan il-kaz, u li jwiegeb lill-Kastilja, iddecieda li f'dan il-kaz kien hemm nuqqas amministrattiv biss. Biss**.

29. Tghidli: mhux tajjeb li n-nuqqasijiet amministrattivi jkunu evitati jekk umanament possibbli? Nghidlek iva, ghax f'dinja ideali ma jsirux zbalji. Pero hemm ocean jaqsam bejn zball amministrattiv (jigifieri €20,000 f'kuntratt ta' €5 miljuni kif qal l-IAID) li jsir b'genwinita u b'bona fede mic-Civil (ghax il-politiku f'dan il-kaz ma indahalx fl-aspett ta' stimi u negozjati) u, per ezempju, serq u korruzzjoni ippjanat fis-satra b'hazen kbir minn Ministru prezenti u c-Chief of Staff tal-Prim Ministru li ippjanaw, ikkonfofaw, approvaw u bdew it-twettiq bil-miktub tal-pjani taghhom biex jixxahhmu b'€5,000 KULJUM kull wiehed

minnhom minn progett kapitali. Irrid nara dawk li bkew dmugh il-kukkudrill fuq dan il-kaz u nsaqsihom: kif ghandkom il-wicc tibqghu imbaghad siekta fuq is-serqa madornali t'issa tal-art f'Pembroke ghal prezz tad-dahq, sija fil-kaz tad-DB u sija fil-kaz tal-Corinthia? Jigifieri ghalihom art pubblika f'Pembroke valutata €700 MILJUN li ser tinghata lil Corinthia bi €17-il MILJUN biss, m'hijiex serqa oxxena u disgustanti minn halq il-poplu? Jigifieri ghalihom 24 tomna art f'Pembroke stmati iktar minn €200 MILJUN li inghataw lid-DB ghal €15-il MILJUN biss, minbarra s-€74 MILJUN ohra minn flus il-poplu li l-Gvern ser ihallas hu biex l-ITS tkun trasferita lejn il-Kalkara halli d-DB ikun akkomodat, dan hu sew? Jigifieri dawk li "tkazaw" tant bil-kaz tal-Fekruna fejn il-valur hu ta' €5 miljuni u fejn l-iskop pubbliku hu carissimu, u gidbu, harrfu u vvintaw fuqi tant fl-ahhar 5 snin, possibbli m'ghandkomx la sinsla u lanqas vuci biex tikkundannaw din l-ikbar serqa ta' art pubblika fl-istorja ta' Malta Indipendenti, ta' iktar minn €800 MILJUNI f'Pembroke???

30. Jekk il-kritika hi ghax sar xi haga illegali (haga li hadd ma qal filkas x'inhi u li lanqas l-Awditur ma qal), **<u>nisfida lil min ighid hekk: jghid x'sar illegali u ghaliex ma treggax lura b'mod immedjat l-esproprju kollu appena tela' fil-Gvern fl-2013 l-PL.</u>**

31. **<u>Il-PL fil-Gvern kellu kull dritt u cans u setgha jaghmel dan. Izda m'ghamlux. Ippreferew jitfghu t-tajn u jagixxu ta' kodardi. Il-Gvern ghandu u kellu tali poter li jregga' lura esproprju billi ssir dikajrazzjoni tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern, tinghata l-art lura lil Fekruna Ltd (li allura imbaghad setghet tapplika lil Mepa (ezatt wara l-elezzjoni 2013 kien hemm il-Mepa) u titlob li tizviluppa s-sit skond il-Local Plan) u</u>**

**l-Gvern jiehu lura l-artijiet f'San Gwann u Swieqi li ta b'permuta lil Fekruna Ltd.** Jekk il-Gvern ma jaccettax tali sfida, allura hu dizonest.

32. Dwar il-prezz tal-art in kwistjoni, irrid nghid li apparti l-ovvju (dak li kien ovvju sal-2013 li l-politiku ma jindahalx fl-istimi tal-proprjetajiet) wiehed jara kemm hija kbira l-ipokrezija politika u d-dizonesta politika ta' min jixhet id-dubbju u t-tajn fuq l-esproprju tax-Xemxija (interessanti li QATT hadd ma ddubita l-iskop pubbliku wara l-esproprju) meta tara l-prezz tal-art li l-Gvern prezenti dahhal sena ilu (meta allura f'hames snin il-prezz tal-art sploda 'l fuq) meta biegh 24,000 metru kwadrat f'Pembroke ghas-somma ridikola ta' €15-il miljun biss (***b'€5 miljun biss mal-kuntratt, €10 miljuni fuq medda ta'7 snin minghajr imghax, filwaqt li biex jirriloka l-ITS minn Pembroke Ghal Smart City se nhalsu €74 MILJUN f'perjodu qasir hafna***) **u cjoe €625 biss per sq. metre.** Prezz oxxen fl-iktar parti (jew wahda mill-iktar) ta' Malta fejn il-prezz tal-proprjeta hu gholi u fejn l-iskop hu spekulazzjoni pura.[1] Fil-fatt dehru stimi li din l-art f'Pembroke kellha tinbiegh ghal ferm iktar minn Anke jekk niehdu, bhala paragun zghir, l-bejgh tal-art tal-Gvern li sar fl-2006 ghal Fort Cambridge. Hemmhekk kellek 8,700 metru kwadrat mibjugha ghal €54 miljun (mal-kuntratt) u cjoe iktar minn €6,200 kull sq. metre.

[1] Fis-Sunday Times 6 ta' Mejju 2018 insibu miktub hekk: "*According to an economic impact assessment of the St George's Bay project, conducted by audit firm KPMG, the sale of apartments in the 37-storey residential tower alone should bring in at least €123 million for the group over the first three years of the project. This is over and above the multimillion-euro turnover and profits which the group is expected to generate from the five-star Hard Rock Hotel, a casino, shopping malls and lido facilities incorporated in the massive project, dubbed City Centre.*
*The government also exempted the group from paying the full €1.5 million in annual ground rent, accepting instead to discount the sum due to just €1,000 until the completion of the project.*"

Ghalhekk meta l-Gvern fl-2012/3 esproprja ghal €5 miljuni f'wahda mill-isbah bajjiet f'Malta u cjoe bir-rata ta' €3,465 per sq. m. altru li kien qed jesproprja bi prezz ragjonevoli.

33. Bil-mod kif inhuma hergin il-permessi minn dan il-Gvern f'siti sensittivi u ODZ, ahseb u ara fejn mhux ODZ, nesprimi s-sodisfazzjon tieghi li gie konkluz l-esproprju tax-Xemzija, u jekk ghandi dispjacir huwa dan: li l-persuni inkarigati u n-negozjati ma lahqux ikkonkludew l-esproprji tal-Festiva (Mellieha, ghax ma kienx hemm qbil fuq il-prezz mitlub mis-sidien), ir-Riviera Martinique (Ghajn Tuffieha, ghax kien hemm komplikazzjonijiet legali kbar), l-Ulysses Lodge u s-sit tat-Tiguglio, San Giljan (ma kienx hemm qbil fuq il-valuri).

34. Grazzi ghall-esproprju tal-art li sar fix-Xemxija fl-2012/13, illum il-poplu Malti ghandu assigurazzjoni li s-sit qatt ma jerga' jinbena. Fil-fatt xi zewg seduti ilu smajt ix-xhieda tal-ex sid tal-art fix-Xemxija jghidilkom li jekk il-Gvern irregaggha lura, huwa kien dejjem dispost halli b'hekk jibni torri. Qalha huwa kemm-il darba.

35. Ghal kull bon fini, niddikjara li jien qatt u fl-ebda mument jew okkazjoni, direttament jew indirettament, ma tkellimt ma', iltqajt ma', ikkomunikajt ma' jew gejt avvicinat minn dak li kien is-sid tal-art fix-Xemxija. La qabel u lanqas wara l-espropju. Sal-llum. Jien m'iniex il-Prim Ministru Joseph Muscat li nnegozja wahdu esproprju ta' €4.3 miljuni lil Cafe Premier (biex il-Gvern ha lura dak li kien tieghu stess) u li wahdu wkoll innegozja t-trasferiment ta' medda kbira ODZ fiz-Zonqor lil bazuzlu Gordaniz li minflok Universita Amerikana bil-mijiet ta' studenti, fetah klassi tal-*private lessons*. Lanqas jien il-Ministru tal-Lands li fl-2014

iltaqa' ma' Mark Gaffarena fejn dan tal-ahhar stess issugerixxa hu lil Gvern jesproprja l-proprjeta tieghu stess fi Strada Zekka li l-Gvern ma kellux bzonn (fejn ma kien hemm ebda skop pubbliku u fejn l-NAO sab "kolluzjoni" cara bejn il-Lands u Gaffarena ).

36. *It goes without saying* li la l-Ministru tieghi sal-2012 u jien, u lanqas jien bhala Ministru wara l-2012, qatt u qatt ma indhalna b'ebda mod f'xi stima jew valation.

37. Naghlaq billi ntenni li anke dan il-Gvern (li l-media tieghu tant gidbet u tigdeb bla ebda misthija fuq il-fatti veri dwar dan l-esproprju) ammetta l-utilita, l-bzonn u s-siwi ta' dan l-esproprju.

38. Kif ghidt diga, l-PL beda jattakkani u jigdeb fuqi fuq dan il-kaz sa minn ftit wara l-elezzjoni tal-2013. Minkejja li kellu kull dritt u opportunita li jregga' kollox lura b'negozjati jew sahansitra li jitlob ir-rexissjoni tal-esproprju kieku vera kien genwin u jemmen li sar xi haga hazina, dan m'ghamlux. U mhux talli ma ghamlux, talli l-Gvern prezenti kompla l-progett ta' embellishment fil-post fejn sar l-esproprju fix-Xemxija u fejn liema xoghol seta' jsir biss grazzi ghall-esproprju. Fil-fatt minn twegibiet ghal PQs ta' On Censu Galea numri 14079, 15078, 20241 fl-2015 il-Ministru tal-Infrastruttura l-On Joe Mizzi l-Gvern ikkonferma li kompla u lesta progett ta' tisbih fil-Ponta tal-Fekruna, Xemxija u meta tlesta fl-2016 saret anke cerimonja ta' inawgurazzjoni.

39. Zgur hadd ma jiddubita li kieku veru l-PL fil-Gvern kien jemmen li kien hemm xi haga hazina f'dan il-kaz jew li ma kienx esproprju bzonnjuz ma kienx ikompli l-progett ta' tisbih (li kien inbeda ftit qabel l-elezzjoni tal-2013 wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' esproprju). Ma nimmaginax li d-Deputati Laburisti ser jghidu allura li l-Gvern taghhom kien komplici, jew li irrenda ruhu

komplici, ma' dak li huma jsejhu "skandlu". Ix-xogholijiet pubblici post-2013 huma l-ikbar sinjal u turija li dan ix-xoghol kien gustifikat. (Insemmi wkoll PQs tal-2001 minn Leo Brincat (numri 28693, 31400, 31868, 31562) proprju dwar il-Mare d'Oro fix-Xemxija dwar in-nuqqas ta' accessibilita. Ilkoll PQs li saru WARA l-ewwel esproprju u pendenti l-appell li l-Gvern kien ghamel kontra s-sentenza tal-Ewwe Qorti, liema appella imbaghad il-Lands kien rebah fil-Qorti Kostituzzjonali.)

40. Tajjeb inzid li fit-3 ta' Ottubru 2013 saret applikazzjoni lil MEPA mill-Perit Anton Camilleri ghan-nom tal-Gvern: "***Following the demolition of il-Fekruna Restaurant, it is proposed to upgrade the area to open it to the public***". Mela l-Gvern fil-bidu nett tieghu ta' din il-legislatura, 3 ta' Ottubru 2013, dak l-istess Gvern li ilu 5 snin iredden li sar xi haga hazina, li sar skandlu, minflok waqqaf kollox, minflok ghamel investigazzjoni mill-ewwel, beda' jitfa' t-tajn b'character assassination fl-istess waqt li applika lil Mepa biex jaghmel embellishment taz-zona proprju wara t-twaqqigh tal-Fekruna Restaurant li seta' jsir biss grazzi ghall-esprorpju konkluz fl-2012/13! Mela l-Gvern rikeb il-publicity fuq dak ix-xoghol, li ha jitgawda min-nies u fl-istess hin attakka lil min kien responsabbli qablu ghax sar xoghol hazin. Hekk jaghmel min tassew tassew jemmen li sar il-hazin?

41. Naghlaq b'domanda u appell sincier: min beka d-dmugh falz tal-kukkudrilli fuq dan il-kaz (u baqa' sieket fuq l-iskandlu

f’Pembroke) insaqsih: tippreferu li fis-sit inkwistjoni fix-Xemxija ikun hemm bini zvillupat jew inkella li s-sit ikun ippreservat ghall-pubbliku u ghal dawk li gejjin warajna? Jekk tippreferu li jinbena, kulma ghandkom taghmlu huwa li tirkantaw is-sit bil-permessi (mhux kif ghamiltu f’Pembroke) u zgur jidhlu ferm u ferm u ferm iktar mill-€5 miljuni li hrigna biex il-Gvern, u allura l-poplu, akkwista s-sit tal-Fekruna.

42. L-appell tieghi huwa li minflok jintefa’ t-tajn bil-gideb f’ezercizzju patetiku u meskin, l-Gvern ghandu jkollu l-guts li jaghmel l-istess procedura ta’ esproprju biex ikun zgurat il-gid komuni f’siti bhal, per ez., Wied Ghomor (li jinsab taht bumbardament mill-ispekulaturi) u f’siti ohra sbieh u naturali.

**Jason Azzopardi**

**23.01.2019**